# L-ewwel Karmelitani f'Malta: 1441-1575

**Prof Stanley Fiorini**

Il-Karmelitani jafu l-bidu tagħhom f'Malta lill-qalb ġeneruża tan-Nobbli Margarita d'Aragona, mart Ġakbu Peregrino. Margarita għamlet it-testment tagħha fil-5 ta' Ġunju 1418 quddiem in-Nutar Antonio Azzopardo. Fost il-ħafna legati li ħalliet, it-testatriċi ħalliet il-qasam art kollu madwar il-Knisja tal-Lunzjata fl-inħawi ta' San Anard u Wied Liemu, fil-Punent tar-Rabat, li dak l-ordni reliġjuż li kien lest iwaqqaf monasteru madwar dik il-knisja li hi stess kienet reġgħet bniet mill-ġdid matul ħajjitha.[1] Ma nafux eżatt sew meta l-Karmelitani ħadu dan l-inkarigu, biss nistgħu nqarrbu sew lejn din id-data mixtieqa, kif ser naraw.

Is-snin ta' wara l-mewt ta' Margarita, l-aktar l-għaxar snin wara l-1421 kienu snin fost l-aktar imqallba fl-istorja ta' gżiritna. Ir-Re Alfonsu l-Manjanimu, li kellu bżonn il-flus biex isostni l-gwerer li kien indaħal għalihom, kien rahan dawn il-gżejjer lil Konsalvu Monroy fl-1421 għas-somma kbira ta' 30,000 fjorin t'Aragona. Dan il-ħakkiem ġdid, li kien għadu kemm ħallas lir-re tiegħu dawk il-flus kollha, beda jara kif jagħmel biex jiġbor li ħareġ minn taxxi fuq il-poplu, li tnaffar sħiħ għalih. Ma damitx ma qamet rewwixta kontrih meta beda juri snienu, l-ewwel f'Għawdex li mbagħad infirxet ukoll f'Malta, fejn il-Maltin qamu għalih u saħansitra ħatfu u sakkru lil martu Kostanza f'Sant Anġlu. Alfonsu, min-naħa tiegħu, ma għoġbitu xejn din il-biċċa u, wara ħafna theddid, bdew negozjati biex jaraw kif setgħet tirrisolvi ruħha dis-sitwazzjoni. Il-Maltin kienu determinati li jeħilsu minn Monroy u għalhekk qablu li jroddulu lura minn buthom it-tletin elf fjorin li kien ħallas lir-Re. It-trattati u l-ġbir tal-flus b'għaraq ta' ġbin il-fqir damu jkaxkru s-snin sakemm sa fl-aħħar dawn il-gżejjer seħħilhom jinfdew minn idejn Monroy. Lanqas laħqet għaddiet din il-kriżi ta' faqar u nkwiet li, f'Settembru 1429, dawn il-gżejjer ma ġewx attakkati bi ħruxija liema bħalha mill-għadu mislem li sfoga kontra tagħhom biex ipattiha lil Alfonsu talli ħuh Pedro kien attakka l-gżejjer ta' Kerkenna. Taħt it-tmexxija ta' Qa'id Ridwan, forza ta' eluf ħabtu għal Malta, ħarbtu r-raba' kollu u sa waslu sa taħt is-swar tal-Imdina. Sakemm telqu laħqu kaxkru magħhom fil-jasar mat-3,500 ruħ, terz tal-popolazzjoni tal-gżira.[2]

Fost il-ħerba li ħallew warajhom kien hemm ukoll il-qirda tal-Knisja tal-Agostinjani fir-Rabat, tefgħa ta' ġebla mill-bieb tal-Imdina. Minn dokument fil-Vatikan tal-1432 joħroġ li l-Agostinjani f'dik is-sena kienu l-uniċi patrijiet f'dawn il-gżejjer,[3] u għalhekk nistgħu ngħidu li l-Karmelitani kienu għadhom ma rifsux artna sa dik is-sena. Imma sa tmien snin wara għandna x'juri li l-preżenza tagħhom hawn kienet bdiet tinħass għax f'kuntratt tal-24 ta' Jannar 1441 niltaqgħu ma' żewġ patrijiet Karmelitani qegħdin jagħmluha ta' xhieda. Dawn kienu Fra Guliermu Cassar Pirjol tal-Kunvent tal-Lunzjata u Fra Periconus.[4]



Margarita d'Aragona
(Pittura li tinsab fil-Kunvent tal-Imdina)

Qabel ngħaddu 'l quddiem, ta' min jgħid kelma dwar din il-benefattriċi tal-Ordni f'Malta. Margarita mill-familja rjali ta' Aragona kienet miżżewġa lill-Kavallier Katalan Ġakbu Peregrino minn Messina li mhux biss kien il-ħakem tal-gżira sa mill-1356 imma kellu f'idejh ukoll l-ogħla karigi oħra kollha, fosthom dawk ta' kastellan ta' Sant'Anġlu, ġustizzjier tal-gżejjer u prokuratur tar-Re Ludovico ta' Sqallija hawnhekk. Kellu f'idejh il-fewdi ta' *Ġnien is-Sultan*, *Għajn Qajjed*, *Għajn Tewżien*, *Marnisi*, *Għajn Tuffieħa*, *Benwarrad* u oħrajn li kienu jirrendulu sew, imma kien ukoll jagħmel kemxa sew fuq il-baħar mill-piraterija. F'din l-attività tiegħu kiser difru mar-Re u wasslet għal ribelljoni ta' Peregrino li ħaseb li, bil-konnessjoni ta' martu Margarita mal-familja rjali ta' Aragona, kien ser jgħaddiha ħafif. Ludovico ħasibha xort'oħra. Biex irażżnu, fl-1372, kellu jinvadi Malta u jassedjaha. Peregrino spiċċa l-ħabs fl-eżilju u għalhekk għandna naħsbu li għal martu Margarita dan kien żmien diffiċli u ta' tbatija. Nafu li tant kienet ftaqret li Ludovico, li kien jiġi minnha, kellu jħenn għaliha u joħorġilha pensjoni ta' 50 uqija fis-sena u tliet snin wara, fl-1375, hi u wliedha seħħilhom jieħdu lura żewġ terzi ta' sehemhom mill-proprjetà tal-familja; it-terz l-ieħor ħaduh mal-mewt ta' Ġakbu f'Settembru 1375. Miż-żwieġ ta' Margarita ma' Ġakbu ħarġu tliet ulied bniet, Franza li żżewġet lil Ludovico de Plozasco, Leonora li żżewġet lil Matteo del Carretto u Cesarea miżżewġa lil wieħed minn ta' la Habica, ilkoll familji għolja. Margarita kellha ħafna ġid u artijiet kif jidher mit-testment tagħha. Barra l-oqsma tal-*Marnisi*, *il-Baħrija* u *Dejr l-Imara* kellha djar fl-Imdina li waħda minnhom ħallietha lill-Knisja tal-Lunzjata f'Wied Liemu, li semmejna, u li allura għaddiet f'idejn il-Karmelitani meta dawn daħlu l-Lunzjata. Hallitilhom ukoll l-artijiet kollha li kellha ġewwa Għawdex barra dawk kollha fil-qasam ta' San Anard.[5]

## Il-Ħajja tal-Patrijiet

Il-kunvent tal-Lunzjata kien, u għadu sal-lum, maqtugħ għalih u maħluq għall-ħajja kontemplattiva li tixraq lill-Karmelitani. Minn diversi dokumenti sirna nafu min kienu l-patrijiet li kienu jgħixu fih. Mir-riċerki li għamel Patri Serafin Abela nistgħu nisiltu l-ismijiet tal-Pirjoli u Sotto-Pirjoli li ġew maħtura fil-kapitli provinċjali f'Modica fi Sqallija li minnhom Malta kienet u baqgħet għal żmien twil tiddependi. Fl-1452 insibu lil Fra Franġisk minn Malta bħala Pirjol u Sottopirjol Fra Guliermu Cassar li konna ltqajna miegħu fl-1441. Fis-sena ta' wara dawn bidlu l-uffiċċji tagħhom u reġgħu bħal qabel fl-1455. Naraw li fl-1457 laħqu Pirjol Fra Luqa minn Malta u Sottopirjol Fra Periconus li wkoll iltqajna miegħu fl-1441. Sentejn wara nerġgħu nsibu lil Fra Franġisk u Sottopirjol li Fra Luqa filwaqt li s-sena ta' wara il-Pirjol inbidel u laħaq wieħed barrani, Fra Ġwann minn Savarino.[6]



Il-Kappella tal-Lunzjata (limiti tar-Rabat),
l-ewwel Knisja u Kunvent Karmelitan

F'dokumentazzjoni uffiċjali tal-Ordni rari joħroġ il-kunjom tal-individwu imma aktarx ikun deskritt bil-lokalità minn fejn ikun oriġina, imma minn kuntratti stipulati Malta il-kunjomijiet joħorġu. Hekk naraw mill-atti tan-Nutar Pawlu Bonello li f'Ottubru tal-1467 Fra Luqa Cap u Fra Periconus Buhagiar jidhru bħala ekonomi tal-kunvent qegħdin jagħmlu ftehim ma' ċertu Indrì Dingli biex idaħħluh jaħdem magħhom fil-kunvent biex jaqdi 'l-patrijiet fi ħtiġijiethom għal sena bi ħlas ta' 7 uqijat, flus Maltin, żewġ salmi qamħ u oħra xgħir u li jipprovdulu żarbun xi jxidd. Wieħed mix-xhieda fil-kuntratt kien Fra Guliermu Lukis.[7] Il-patrijiet kienu jħaddmu magħhom barranin oħra bħal meta qabblu l-artijiet tagħhom lin-Nobbli Manfred Caxaro lejn is-sena 1518.[8] Dawn l-artijiet, li bejn dawk ta' Malta u dawk ta' Għawdex kienu jlaħħqu firxa art ta' madwar il-50 salma, kienu jirrendu biżżejjed biex iżżomm il-komunità kif jidher mill-fatt li l-Pirjol, fl-1459, irrivela lill-kolletturi

tat-taxxa tal-Vatikan li l-qligħ kollu tal-kunvent kien jammonta għal għaxar uqijat fis-sena.[9] Dan id-dħul kien biżżejjed għas-sosten tal-komunità għall-ħajja ta' kuljum, imma ma kienx ilaħħaq ma' spiżi kapitali, hekk li meta fl-1533 il-patrijiet ħtiġilhom jagħmlu xi xogħlijiet ta' struttura fil-kunvent kellhom jissellfu 50 uqija mingħand il-prokuraturi tal-Katidral.[10]

Minn kuntratt ieħor f'Settembru 1487 insiru nafu li l-Pirjol dik is-sena kien Fra Guliermu Curmi.[11] Xi sittin sena wara għandna deskrizzjoni sħiħa tal-komunità kollha meta fis-17 ta' April tal-1551 kienet saret inkjesta dwar tbagħbis ta' flus. Taħt theddida ta' skomunika telgħu jixhdu l-patrijiet kollha: Fra Elija de Federico Pirjol, Fra Wistin Vella Sottopirjol, Fra Bartilmew de Albano, Fra Bert Ellul, Fra Pawl Farrugia u Fra Dumink Ferraro.[12]

Il-kunvent tal-Lunzjata kien iservi bħala dar ta' formazzjoni sa minn dan iż-żmien bikri. Dan nistgħu ngħiduh mill-fatt li fl-1470 il-Kunsill tal-Università tal-Imdina kien iddeċieda li s-salarju tas-surmast tal-iskola tal-grammatika tal-belt kellhom jikkontribwixxu għalih barra l-Isqof u l-Università nnifisha, il-Katidral, l-Agostinjani u l-Karmelitani tal-Lunzjata. Dan ifisser li xi studenti mill-kunvent kienu qed jattendu dik l-iskola ma' dawk il-kjeriċi sekulari u studenti Agostinjani.[13]

Imma l-patrijiet kienu jinvolvu ruħhom ukoll fil-ħajja pastorali u ċivili. Għal din l-attività kien ikollhom iterrqu lejn ir-Rabat u l-Imdina biex jiltaqgħu mal-poplu u hawn kienet taqdihom sew id-dar tal-Imdina li kienet ħallitilhom Margarita. Din id-dar, li tinsab fi Triq San Pietru tal-lum, serviet biex madwarha u madwar il-knisja ta' *Santa Maria della Rocca* fil-qrib, jibnu l-kunvent tagħhom tal-Imdina fis-seklu sbatax.[14] Imma sadattant, xi ħjiel għandna tal-attivitajiet tal-Karmelitani fiż-żmien aktar bikri? Il-ħidma pastorali kienet bdiet tħalli l-frott kif jidher mill-fatt li fl-1511 diġà kienu bdew jissemmew it-terzjarji Karmelitani. Jissemmew 'l hawn u 'l hinn fid-dokumentazzjoni quddies li kien jitqaddes mill-patrijiet fir-Rabat – f'Sant'Agata, f'Santa Katerina u fil-Grotta ta' San Pawl – kif ukoll predikazzjoni.[15]

Fost patrijiet ħabrieka f'dak iż-żmien niltaqgħu fid-dokumenti tal-1470 ma' Fra Pietru Borg, Fra Guliermu Lukis u Fra Luqa tal-Lunzjata li kienu jipproduċu l-parċmina mill-ġlud tan-ngħaġ għall-użu tal-katidral. Bejn l-1496 u l-1499, l-organista tal-katidral kien il-Karmelitan Fra Antoni Pericuni,[16] u bejn l-1535 u l-1539 is-surmast tal-iskola tal-grammatika kien il-Karmelitan Patri Ġwann Bugeja,[17] dan biex ma nsemmux il-karattru mżewwaq u mlewwen ta' Fra Ġwann Antoni La Pulcella li kien jieħu ħsieb kemm tal-artillerija tal-Imdina bejn l-1483 u l-1506,[18] u nsibuh ukoll ipitter fil-knejjes bejn l-1486 u l-1508.[19] Lanqas ma kienu minsijin il-Karmelitani mill-bqija tan-nies. Sal-bidu tas-seklu sbatax, il-kanonċi tal-katidral kienu jagħmlu purċissjoni mill-katidral għall-Lunzjata f'jum il-festa. Il-kunvent kien ukoll imfittex għall-kwiet tiegħu minn nies bħall-Gran Mastru L'Isle Adam li ried li qalbu tindifen fil-knisja fejn il-monument, imwaqqaf fl-1607, għadu jfakkar dan sal-lum.[20]

Il-Karmelitani lanqas ma naqsu li jinvolvu ruħhom f'dik li nistgħu nsejħulha 'politika reliġjuża'. Fi żmien meta kwistjonijiet ta' preċedenza ma kinux jitqiesu ħmerijiet banali u antievanġeliċi, insibu lill-Karmelitani, flimkien mal-Agostinjani, qed jipprotestaw kontra l-Franġiskani Osservanti (Ta' Ġieżu) fl-1511 dwar min minnhom kellu jkollu l-post tal-unur f'ċerti okkażjonijiet pubbliċi bħal ma kienu purċissjonijiet bħal dik ta' San Girgor. Imma żewġ deċiżjonijiet fi qrati differenti nqatgħu kontrihom.[21]

L-istima li kellu l-poplu ta' dak iż-żmien lejn il-Karmelitani toħroġ minn għadd ta' għotjiet li ħallewlhom wara mewthom diversi nies. Hekk naraw kif fl-1 ta' Ottubru tal-1517 il-koppja Nikol u martu Violans Seguna ħallew lill-kunvent kalċi tal-fidda ndurat jiżen 25 uqija.[22] Insibu wkoll li Katerinella Sillato, il-mara ta' Bernard Cassar, fl-1562 ħallitilhom, fl-atti tan-Nutar Brandan Caxaro, medda art ġmielha f'San Ġiljan li tinfirex minn qrib il-Knisja ta' Lapsi, Triq tal-Karmnu, Telgħet Birkirkara u 'l isfel sa xatt il-baħar. Xhieda tar-rabta mal-Karmelitani ta' din l-art huma t-toroq tal-lokal b'ismijiet marbuta mal-Ordni, bħal Tal-Karmnu,

San Elija u Sant'Anġlu, kif ukoll ħnejja li għadha teżisti f'tarf Triq Sant'Anġlu (waħda minn tnejn li baqa'; l-oħra kienet fi Triq il-Karmnu) li fuqha għad hemm irħama li tgħid *Ex bonis coenobii Carm(elitarum) Civ(itatis) Not(abilis)* [Mill-proprjetà tal-Kunvent tal-Karmelitani tal-Imdina].[23]

### Wara l-Assedju l-Kbir

Wara t-trawma tal-1565, żmien li fih għandna naħsbu li l-Karmelitani qattgħuh fid-dar li kellhom l-Imdina, il-bini tal-Belt Valletta ngħata prijorità mill-Kavallieri u s-swar ma damux biex jibdew telgħin. Dawn ġibdu għadd kbir ta' Maltin u Għawdxin għall-kenn tagħhom u l-Karmelitani tal-Lunzjata ma naqsux li jaqraw sew is-sinjali taż-żminijiet u ħasbu biex imorru mal-bqija tal-poplu biex jaqduhom fil-ħtiġiet spiritwali tagħhom. Ma damux jaħsbuha għax sa Lulju 1570 kienu diġà qed jiffirmaw il-kuntratt għax-xiri tal-art fil-Belt fl-atti tan-Nutar Placido Abela. Il-ħsieb kien li jibnu fuqha knisja tal-Madonna tal-Karmnu u kunvent għalihom. Dan kollu sar bit-tħabrik ta' Fra Ġwann Vella li barra l-ħidma tiegħu għal dan il-għan, ta sussidju ta' 100 skud fis-sena għal 40 sena sħaħ.

Hawn ukoll daħlet il-'politika reliġjuża' għax sa dak iż-żmien il-promontorju *Ta' Xiberras* kien territorju tal-parroċċa ta' San Ġorġ ta' Ħal Qormi. Fit-2 ta' Lulju 1570, id-Dumnikani seħħilhom jiksbu ittri appostoliċi mingħand il-Papa (San) Piju V, Dumnikan, biex iwaqqfu parroċċa fil-belt il-ġdida. Dan kien imur kontra l-interessi tal-Isqof (dak iż-żmien, Rojas de Portalrubio) li, fit-8 ta' Awwissu 1571, permezz tal-kapitlu tal-katidral tiegħu, iddekreta li l-kappillan ta' Ħal Qormi, Dun Marjanu Briffa, kellu l-belt il-ġdida taħt il-ġurisdizzjoni parrokkjali tiegħu. Fl-istess waqt ħatru lil Dun Erasmu Balzan għall-amministrazzjoni tas-sagramenti fit-territorju l-ġdid. Il-Karmelitani sabu ruħhom bejn il-basla u qoxritha għax, kif jgħidilna Mons. Dusina, Dun Erasmu kien qiegħed jinqeda bil-knisja tagħhom għall-pastorali li kien iwettaq u fiha kien saħansitra twaqqaf fonti battesimali. Dun Erasmu dam f'din il-ħidma sat-18 ta' Ġunju 1574 meta għadda l-inkarigu lil Dun Gaspar Prat li, min-naħa tiegħu, baqa' jwettaq dan ix-xogħol bil-għajnuna tal-Karmelitani sal-1577. Minn dan kollu nikkonkludu li sa dik is-sena il-Knisja tal-Karmnu tal-Belt kienet ġa nbniet u bdiet taqdi l-funzjoni pastorali tagħha.[24]


**Bibliografija**

Abbrevjazzjonijiet:

*DSMH* *Documentary Sources of Maltese History* (Malta: University Press 1996-2106) editjat minn S. Fiorini *et al.*

*Mandati* S. Fiorini, *The 'Mandati' Documents at the Mdina Cathedral, Malta: 1473-1539* (Malta: Printjob 1992).


**Referenzi**

1 Arkivju Notarili, Valletta, Not. Andrea Allegritto R16/28 (1.vii.1613) ff. 808-827v.
2 *DSMH* II/2, xvi-xix.
3 *DSMH* IV/2, Doc. 168.
4 A.T. Luttrell, *The Making of Christian Malta* (Variorum 2002) XVI, 301.
5 *DSMH II/1*, xvi-xviii. G.F. Abela, *Della Descrittione di Malta* (Malta 1647) 393-6.
6 S. Abela O.C., *L-Ewwel Karmelitani f'Malta* (Malta 1976) 7-8.
7 *DSMH* I/3, Doc. 97.
8 *Mandati*, 194-5, Appendix XV.
9 V. Borg, *Melita Sacra*, 3 vol. (Malta 2008-2015) i, 831.
10 *Mandati* M3, f. 55.
11 *DSMH* I/1, Doc. 295.
12 *DSMH* I/3, Doc. 214.
13 G. Wettinger, *Acta Juratorum* (Palermo 1993) Doc. 392.
14 M. Buhagiar and S. Fiorini, *Mdina – The Cathedral City of Malta*, 2 vol. (Malta 1996) i, 339-42.
15 Abela 1976, 49-52.
16 S. Fiorini, 'The Earliest Surviving Accounts Books of the Cathedral Procurator: 1461-1499', *Proceedings of History Week 1992*, 109-10.
17 *Mandati*, M3, ff. 395, 436, 479, 517, 593, 677.
18 *Mandati*, M36, f. 49; M1, f. 6.
19 G. Wettinger, 'Artistic Patronage in Malta: 1418-1538', in: A.T. Luttrell (ed.), *Hal Millieri* (Malta 1976) 111-4.
20 Abela 1647, 395-6.
21 G. Aquilina and S. Fiorini, *The Origins of Franciscanism in Late Medieval Malta* (Malta 1995) 86-7, Doc. XII.
22 *DSMH* I/3, Doc. 150.
23 S. Fiorini, *San Ġiljan mitt sena parroċċa: 1891-1991* (Malta 1992) 33-4, 130-1.
24 Borg, ii, 491-3.